

PARLAMENT EWROPEW

2004



2009

Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

2007/2145(INI)

25.1.2008

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni

għall-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

dwar il-qagħda tad-drittijiet fundamentali fl-Unjoni Ewropea 2004-2007
(2007/2145(INI))

Rapporteur għal opinjoni: Viktória Mohácsi

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Kultura u l-Edukazzjoni jistieden lill-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern, bħala l-Kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni li se jadotta:

1. Ifakkar fl-importanza ta' l-Aġenzija għad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea, stabbilita mir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 168/2007 tal-15 ta' Frar 2007¹, li ttiprovdi l-Istati Membri bl-**assistenza u l-għarfien espert fl-implimentazzjoni tal-liġi Komunitarja** għar-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali iżda jqis li n-nuqqas attwali tad-Direttur ta' l-Aġenzija huwa problematiku u qed jirrestrinġi l-effettività tagħha;
2. Jilqa' bil-ferħ l-iffirmar reċenti tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali ta' l-Unjoni Ewropea², li se tiffirma parti mit-Trattat ġdid ta' Riforma ta' l-UE u li d-drittijiet imħabbra fiha se jkollhom jitqiesu minn kull att leġislattiv individwali li joħroġ mill-Unjoni Ewropea;
3. Iħeġġeġ lil dawk il-pajjiżi li għadhom ma ffirmawx jew ma rratifikawx il-Karta Ewropea għall-Lingwi Reġjonali jew tal-Minoranzi ta' l-1992 u l-Konvenzjoni ta' Qafas għall-Protezzjoni ta' Minoranzi Nazzjonali ta' l-1994, it-tnejn tal-Kunsill ta' l-Ewropa, biex jagħmlu dan ma' l-ewwel ċans;
4. Iħeġġeġ lill-Istati Membri biex jiżguraw l-integrazzjoni effettiva fis-sistemi edukattivi ta' tfal żvantaġġati u soċjalment esklużi sa minn età l=ktar bikrija, u biex jinkoraġġixxu għal dan il-għan l-iskambji ta' l-aħjar Prattiki;
5. Jenfasizza l-importanza tal-ħarsien tat-tfal; iqis li l-inizjattivi marbuta ma' Strateġija ta' l-UE dwar id-Drittijiet tat-Tfal, bħal sit ta' l-internet iddedikat bis-sħiħ għal kwistjonijiet tat-tfal, għajjnuna speċjali u linji tat-telefon ta' emerġenza u allokkazzjonijiet baġitarji għal programmi ta' l-UE għal azzjonijiet favur it-tfal, għandhom jiġu implimentati bis-sħiħ u jkomplu jiġu żviluppati;
6. Jistieden lill-Istati Membri biex jiġġieldu d-diskriminazzjoni fl-edukazzjoni, pereżempju biex ineħħu s-segregazzjoni tat-tfal Roma, skond is-sentenza reċenti tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem fi Strasburgu dwar din il-kwistjoni³;
7. Jenfasizza l-importanza tal-midja fil-promozzjoni tad-diversità, il-multikulturaliżmu u t-tolleranza; iħeġġeġ lis-servizzi kollha tal-midja biex jimpedixxu kontenut li jista' jiffavorixxi r-razziżmu, il-ksenofobija, l-intolleranza u d-diskriminazzjoni ta' kwalunkwe tip;
8. Jinkoraġġixxi lill-Istati Membri, fil-kuntest tas-Sena ta' l-UE tad-Djalogu Interkulturali (2008), biex jikkoperaw ma' firxa wiesgħa ta' partijiet interessati, b'mod partikulari Organizzazzjonijiet Mhux Governattivi, sabiex jippromwovu d-djalogu interkulturali u jqajjmu kuxjenza, b'mod partikulari fost iż-żgħażaġħ, dwar valuri komuni maqsuma u r-

¹ *ĠUL 53, 22.2.2007, p. 1.*

² Imħabbra b'mod formali mill-Parlament Ewropew fit-12 ta' Diċembru 2007.

³ D.H. u oħrajn kontra r-Repubblika Ċeka, marbuta ma' każijiet tas-snin ta' qabel.

rispett għad-diversità kulturali, reliġjuża u lingwistika;

9. Jenfasizza l-irwol importanti ta' l-isports fil-promozzjoni tat-tolleranza, tar-rispett għal xulxin u tal-fehim; jistieden lill-korpi sportivi nazzjonali u Ewropej biex ikompli l-isforzi tagħhom fil-ġlieda kontra r-razziżmu u l-ksenofobija u jinkoraġġixxi t-tneđija ta' inizjattivi ġodda, iktar b'saħħithom u iktar ambizzjużi biex jibnu fuq il-miżuri li jeżistu diġà;
10. Jenfasizza l-irwol importanti tal-litteriżmu tal-midja fil-kuntest ta' opportunitajiet ġusti u indaqg għaċ-ċittadini kollha ta' l-Unjoni Ewropea;
11. Jitlob lill-Istati Membri biex jiġġieldu kontra r-razziżmu, l-omofobija u kull tip ta' diskriminazzjoni fil-qasam ta' l-edukazzjoni u tal-kultura;
12. Jitlob lill-Istati Membri sabiex jiżguraw l-integrazzjoni effettiva ta' persuni li ġew reċentement minn Stati barra mill-Unjoni Ewropea, speċjalment tfal u żgħażaġh, fis-sistema edukattiva ta' l-Istati Membri ta' l-UE, u biex jgħinuhom billi jipprovwu d-diversità kulturali.

RIŻULTAT TAL-VOTAZZJONI FINALI FIL-KUMITAT

Data ta' l-adozzjoni	22.1.2008
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 33 -: 0 0: 1
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Ivo Belet, Guy Bono, Nicodim Bulzesc, Marie-Hélène Descamps, Věra Flasarová, Milan Gaľa, Claire Gibault, Vasco Graça Moura, Luis Herrero-Tejedor, Ruth Hieronymi, Mikel Irujo Amezaga, Ramona Nicole Mănescu, Manolis Mavrommatis, Marianne Mikko, Ljudmila Novak, Dumitru Oprea, Doris Pack, Zdzisław Zbigniew Podkański, Mihaela Popa, Christa Prets, Karin Resetarits, Pál Schmitt, Hannu Takkula, Helga Trüpel, Thomas Wise, Tomáš Zatloukal
Sostitut(i) preżenti għall-votazzjoni finali	Victor Boștinaru, Emine Bozkurt, Ignasi Guardans Cambó, Gyula Hegyi, Viktória Mohácsi, Nina Škottová, Ewa Tomaszewska
Sostitut(i) (skond l-Artikolu 178(2)) preżenti għall-votazzjoni finali	Donata Gottardi